## 4 ta' April, 1957

## Imħallef:—

## Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Giuseppe Mallia et. *versus* Walter Zammit Tabona et.

**Senserija — Mandat — Lokazzjoni d'Opera — Stenografu Prova — Art. 1982 tal-Kodiċi Ċivili — Art. 594(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*[illegible]a veru li skond il-Proċedura, meta x-xhieda tittieħed per mezz ta' stenografu, it-traskrizzjoni tagħha għandha tinqara lix-xhud matul jew wara s-seduta mir-Reġistratur; iżda dan ma jwassalx għall-konsegwenza illi, jekk dan il-qari ma jilħaqx isir, bħal fil-każ ta' mewt tax-xhud, dik it-traskrizzjoni ma jkollha ebda valur legali, u illi dik ix-xhieda meħuda bl-istenografu mhix ammissibbli bħala prova. Bħal ma l-liġi tagħti lill-Qorti l-fakoltà li tammetti xhieda "de auditu" taħt ċerti ċirkustanzi, hekk ukoll il-Qorti tista' tammetti bħala prova xhieda stenografata mhux moqrija lix-xhud kif trid il-liġi, jekk il-Qorti tkun tal-fehma li dik it-traskrizzjoni għandha tiġi ammessa bħala prova.*

*Skond il-ġurisprudenza, biex persuna tkun intitolata titlob senserija, jeħtieġ, fost affarijiet oħra, illi l-intromissjoni tagħha tkun ġiet rikjesta jew aċċettata, anki taċitament, miż-"żewġ" partijiet; jiġifieri hemm bżonn li ż-żewġ partijiet ikunu qabbdu jew almenu aċċettaw is-sensal bħala tali; u konsegwentement ma jirrikorrux l-elementi tas-senserija, iżda ta' sempliċi "locatio operarum", meta l-persuna tkun intromettiet ruħha b'inkariku ta' waħda biss mill-partijiet.*

*Jekk min jittratta f'operazzjoni ta' bejgħ ma jkunx qiegħed jaġixxi f'ismu proprju, imma f'isem il-proprjetarju tal-fond formanti l-oġġett tal-bejgħ, is-sensal ma jistax jaġixxi għad-dritt tas-senserija kontra min ittratta l-bejgħ, imma għandu jaġixxi kontra sid il-fond, bħala mandant ta' min ittratta l-bejgħ; għax dan, bħala mandatarju, huwa estraneu għall-bejgħ li sar; u lanqas jista' jiġi mħarrek fl-istess kawża mal-*

*mandant tiegħu, meta dan il-mandant huwa preżenti f'dawn il-Gżejjer, billi f'dan il-każ il-preżenza tiegħu fil-kawża hija inutili u ozjuża, anzi projbita mill-liġi.*

***Fil-konfront**, mbgħad, tal-mandant, is-sensal ma għandux dritt għas-senserija jekk jirriżulta li l-mandatarju qabbad sensal mingħajr ma kellu l-inkariku mil-mandant biex iqabbad sensala, imma kellu biss l-inkariku li jsib kumpratur. F'dan il-każ hemm eċċess tal-limiti tal-mandat, li għalieh ma jirrispondix il-mandant; salva kull azzjoni oħra tas-sensal kontra min u skond il-liġi.*

Il-Qorti—Rat iċ-ċitazzjoni, libiha l-atturi, premessi d-dikjarazzjonijiet kollha meħtieġa u mogħtija l-provvedimenti kollha opportuni, billi l-konvenut Francesco Zammit Tabona, b'att tan-Nutar Victor Bisazza taż-17 ta' Jannar 1953, biegħ lil Giuseppe Aquilina (1) id-dar li qegħedha l-Furjana, St. Anne Square no. 10, u (2) l-mezzanin numru 38 Gunlayer Street, Furjana, ossija r-renta ta' £75 fis-sena għal-użu u l-pussess taż-żewġ fondi fuq imsemmija, bil-prezz ta' £2042. 17. 1, l-ispejjeż u d-drittijiet kollha kellhom jitħallsu mill-istess konvenut Frarcesco Zammit Tabona; u billi l-atturi kienu s-sensala li tħabtu biex ikkonkludew din l-operazzjoni, li bdiet fuq talba tal-konvenut l-ieħor Walter Zammit Tabona, li kien avviċina lill-atturi u talabhom isibu xerrej għall-fondi fuq imsemmija; u billi l-konvenuti ma ħallsu ebda somma lill-atturi għal-senserija jew għas-serviġi tagħhom in konnessjoni ma' dan il-bejgħ; talbu li l-konvenuti, jew min minnhom, jiġu kandannati li jħallsu lill-atturi dik is-somma li tiġi likwidata mill-Qorti bħala senserija jew bħala kumpens għax-xogħol jew serviġi li għamlu l-atturi fl-okkażjoni tal-bejgħ fuq imseemmi. Bl-imgħax legali, u bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Rat il-verbal tas-7 ta' Frar 1957 (fol. 53), fejn l-atturi ssottomettew li x-xhieda tal-konvenut Francesco Zammit Tabona ma għandha ebda valur legali, billi t-traskrizzjoni

tal-istenografat ma ġietx moqrija lix-xhud, u lanqas ma ġiet minnu konfermata u firmata;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar l-eċċepita inammissibilità tal-prova magħmula bix-xhieda tal-konvenut Francesco Zammit Tabona;

Illi huwa veru li skond l-art. 594 (1) tal-Proċedura Ċivili, meta x-xhieda tittieħed per mezz ta' stenografu, it-traskrizzjoni tagħha għandha tinqara lix-xhud matul jew wara s-seduta mir-Reġistratur; iżda dan ma jwassalx għall-konsegwenza illi, jekk dan il-qari ma jilħaqs isir, bħal fil-każ ta' mewt tax-xhud, dik it-traskrizzjoni ma jkollha ebda valur legali. L-imsemmija dispożizzjoni ma għandhiex tkun nterpretata iżolatament, imma għandha tiftiehem ma' dispożizzjonijiet oħra proċedurali, u speċjalment flimkien mal-art. 658 tal-Kodiċi ċitat, li jagħti lill-Qorti il-poter li, skond iċ-ċirkustanzi, tippermetti t-testimonjanza "de auditu";u dan mhux biss meta l-kliem ta' ħadd ieħor ("dictum de dicto") ikollu fih innifsu mportanza sostanzjali fuq il-meritu tal-kawża, jew ikun jagħmel parti mil-meritu, iżda anki f'każ ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu, jew li jkunu assenti, u li ma kellhom ebda nteress li jgħidu jew jiktbu l-falz. Din id-dispożizzjoni timporta li kliem ħadd ieħor ikun intqal mingħajr il-vinkolu tal-ġurament; immela, jekk ikun intqal taħt ġurament, ikun hemm raġuni iżjed biex il-Qorti tammetti l-prova; dejjem skond iċ-ċirkustanzi;

Ill, fil-każ taħt eżami, irriżulta li l-konvenut Francesco Zammit Tabona ta regolarment ix-xhieda tiegħu fil-25 ta' Novembru 1955, preżenti d-difensuri tal-partijiet; assoġġetta ruħu u rrisponda għal-kontro-eżami; ix-xhieda tiegħu ġiet dettata lill-istenografu mill-Qorti; u la huwa u lanqas id-difensuri ma għamlu ebda osservazzjoni dwar dak li l-Qorti ddettat lill-istenografu; iżda meta fis-6 ta' Settembru 1956 ġie nterpellat biex jidher għal-qari tat-traskrizzjoni

tax-xhieda, *instab li x-xhud kien ġa mejjet.* Il-Qorti, għalhekk, fuq talba tal-konvenuti, semgħet bil-ġurament lill-istenografu li kien ħa x-xhieda, u dan ikkonferma t-traskrizzjoni ta' dik ix-xhieda (fol. 54);

Illi taħt dawn iċ-ċirkustanzi l-Qorti hija tal-fehma li t-traskrizzjoni tal-imsemmija xhieda għandha tiġi ammessa bħala prova; molto pjù illi hija kellha l-opportunità li tosserva d-diportament tax-xhud u xejn ma nnotat li jista' jagħti s-suspett li huwa ma kienx qiegħed jistqarr il-verità. Din hija, del resto, il-konklużjoni li, "a contrario sensu", għandha tiġi raġġunta skond l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet "Francesco Seychell et. vs. Antonio Seychell et.", deċiża fis-27 ta' Marzu 1936 (Kollez. XXIX-I-570);

Illi, għaldaqstant, l-eċċezzjoni opposta mill-atturi hija insostenibbli, u qegħedha tiġi respinta; l-ispejjeż, stante n-novità tal-każ, għandhom jibqgħu mingħajr taxxa; iżda d-dritt tar-Reġistru jħallsuh l-atturi;

Ikkunsidrat, fil-meritu;

Illi, kif aċċennat fin-nota tal-eċċezzjonijiet, u kif spjegat aħjar fin-nota tal-osservazzjonijiet tal-konvenuti fol. 44, Walter Zammit Tabona mhuwiex il-proprjetarju tar-renta mibjugħa, u qatt ma kellu nteress *f'dik ir-renta; u għalhekk* id-domandi, kif proposti u bil-kawżali li għandhom, ma jistgħux jiġu milqugħin fil-konfront tiegħu. L-atturi, għal din l-eċċezzjoni, wieġbu fin-nota tagħhom (fol. 49) illi, "għalkemm il-konvenut Walter Zammit Tabona mhux il-proprjetarju tar-renta trasferita, huwa ma qalx mill-ewwel li din ir-renta ma kienetx tiegħu, imma li kienet ta' sinjur ieħor, u meta semma l-każ lill-attur Bernardo Attard, żgur li ma qallu xejn rigward il-proprjetà ta' min kienet. Dan Walter ġie-*mħarrek sabiex ma jkunx hemm sorpriżi*";

Illi minn dan jidher li l-atturi kienu jafu sa mnn qabel dawn il-proċeduri illi Walter Zammit Tabona ma kienx proprjetarju tal-imsemmija renta. Irriżulta mill-provi li l-atturi kienu jafu li dik ir-renta kienet tappartjeni lill-konvenut Francesco Zammit Tabona, li fl-interess tiegħu kien qiegħed jaġixxi l-konvenut Walter. Issa, ladarba dan ma kienx qiegħed jaġixxi f'ismu proprju, l-atturi qatt ma setgħu jfittxu lilu, imma biss lil Francesco Zammit Tabona, bħala mandant tiegħu (arg. art. 1973 Kod. Ċiv.). Difatti, kif jinnota Laurent, "è il mandante che stipula e si obbliga; è dunque egli solo che può agire, come egli solo può essere convenuto" (Diritto Civile, Vol. XXVIII, §43). U kif josserva wkoll ir-Ricci:— "Il mandatario resta estraneo alla contratta obbligazione; e come esso non ha azione verso la persona colla quale ha contrattato, così costei non l'ha verso di lui" (Diritto Civile, Vol. IX, §74). Barra minn dan, ladarba Walter Zammit Tabona kien il-mandatarju tal-konvenut l-ieħor, u dan kien jinsab preżenti f'dawn il-Gżejjer, il-preżenza tiegħu f'din il-kawża mhux biss kienet inutili u ozjuża, imma saħansitra projbita mill-liġi (art. 1968 Kod. Ċiv.);

Illi, taħt dawn iċ-ċirkustanzi, l-oppożizzjoni tal-konvenut Walter Zammit Tabona hija ġustifikata u jixirqilha tiġi milqugħa;

Illi, kwantu għall-konvenut Francesco Zammit Tabona, ġie minnu eċċepit illi huwa ttratta u kkonkluda l-operazzjoni direttament max-xerrej Giuseppe Aquilina, mingħajr ma qabbad jew aċċetta lill-atturi bħala sensala;

Illi, skond il-ġurisprudenza, biex persuna tkun intitolata titlob senserija, jeħtieġ, fost affarijiet oħra, illi l-intromissjoni tagħha tkun ġiet rikjesta jew aċċettata, anki taċitament, miż-"żewġ" kontraenti; jiġifieri hemm bżonn li ż-żewġ partijiet ikunu qabbdu jew almenu aċċettaw is-sensal bħala tali; u konsegwentement ma jirrikorrux l-elementi tas-senserija, iżda ta' sempliċi "locatio operarum", meta l-

persuna tkun intromettiet ruħa b'inkariku ta' "waħda biss" mill-partijiet (Kollez. XXXIV-III-738);

Illi mill-provi jirriżulta ċar li fil-konfront tax-xerrej Aquilina kienu l-atturi li ntromettew ruħhom u wassluħ għan-negozju, iżda mhux ugwalment ċar u pruvat li l-venditur Zammit Tabona qatt inkarika jew aċċetta lill-atturi bħala sensala tiegħu f'din l-operazzjoni. Irriżulta anzi, li malli marru fuqu l-atturi dak inhar li sar l-inkontru tal-partijiet fil-Cafè Premier, il-konvenut Francesco qallhom minnufiħ "Jiena magħkhom ma għandhix x'naqsam" (fol. 35); u tant fil-konvenju, kemm fl-att definitiv, huwa oppona li l-atturi jieħdu parti saħansitra bħala xhieda (fol. 22, 35 u 40 tergo); tant li n-nutar inkarigat ifforma u baqa' bl-impressjoni li fin-negozju ma kienx hemm sensala (fol. 21 tergo). L-istess xerrej xehed li hu, qabel l-inkontru fil-Cafè Premier, kien tħaddet mal-konvenut Francesco, u kien dan li ppproponielu l-bejgħ (fol. 9), tant li l-għada, f'dak l-inkontru, baqa' mistagħġeb, u staqsa lill-attur Mallia:— "Ir-renta ta' dawn?" Konferma ta' dan insibuha fil-fatt li, meta l-konvenut Walter semma lil Giuseppe Aquilina mal-konvenut Francesco, dan malajr irrispondieħ li ġa kien fi trattativi miegħu dwar il-bejgħ (fol. 34). Konferma oħra nsibuha fil-fatt li l-konvenut Walter qatt ma semma lill-konvenut l-ieħor lill-attur Mallia (fol. 41); u dan hu verosimili, peress li l-inkariku kien li jsib xi kumpratur tar-renta, iżda mhux li jqabbad sensal. Xejn ma jiswa dak li xehdu Giuseppe Aquilina u l-attur Mallia, li ċjoè l-konvenut Francesco aċċetta li jħallas l-ispejjeż kollha, kompriża s-senserija; għaliex diu iċ-ċirkustanza ġiet kategorikament miċħuda miż-żewġ konvenuti;

Illi, taħt dawn iċ-ċirkustanzi, l-atturi ma ppruvawx, kif kien dmirhom, li l-konvenut Francesco qabbad, jew almenu aċċetta, anki lil wieħed minnhom bħala sensal fl-operazzjoni; u fin-nuqqas ta' din il-prova huma ma jistgħux ikollhom ebda dritt kontra tiegħu;

Illi lanqas ma jista' l-imsemmi Francesco jkun responsabbli *in forza tal-mandat konferit lill-konvenut Walter;* għaliex dan l-inkariku kien espress u limitat unikament li "jipprokuralu kumpraturi" tar-renta in kwistjoni, u f'dina l-materja l-interpretazzjoni ma tistgħax tkun estensiva. "Il mandato di compiere certi atti determinati", jgħid Baudry, "va inteso restrittivamente" (Mandato, §545). Veru li, kif josserva Troplong, "non è già andare al di là della procura il fare talun atti i quali, quantunque non espressi, vi sono intanto virtualmente compresi come conseguenti antecendenti e compimenti". *L-istess awtur, però,* josserva illi "bisogna porre molta attenzione a non abusare di siffatta estensione, la quale non è vera se non per quanto vi sia stato nell'intenzione dei contraenti un legame necessario fra l'atto espresso e l'atto che lo segue, e l'antecedente ed il conseguente formino un tutto insieme che non è completo" (Mandato, §§319 u 320). Issa, ma hemmx dubiu li Walter Zammit Tabona seta' isib xerrejja u jikkonkiudi magħhom anki mingħair ma jintervejnu s-sensala; u kwindi *anki jekk* huwa, skond it-teżi attriċi, kien qabbadhom bħala sensala, dan l-att jikkostitwixxi eċċess ta' mandat, li għalieħ mhux responsabbli l-mandant (art. 1982 Kod. Ċiv.);

Illi, għalhekk, l-azzjoni tal-atturi lanqas hija sostenibbli kontra l-konvenut Francesco Zammit Tabona;

Għal dawn il-motivi;

Tillibera lil-konvenut Walter Zammit Tabona millosservanza tal-ġudizzju; salva talvolta *lill-atturi* kwalunkwe azzjoni oħra jekk u skond il-liġi;

U tiċħad id-domandi tal-atturi in kwantu diretti kontra l-konvenut Francesco Zammit Tabona ;

L-ispejjeż jitħallsu mill-atturi.